MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 805/1994/1

**Brian Valenzia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Arva Insurance Agency Limited u dina in rapprezentanza tas-socjeta estera Maritime Insurance Company Limited kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Charles Azzopardi a bazi tal-ligi u tal-polza ta' assigurazzjoni**

**vs**

**Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta The Cargo Handling Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

1. Illi l-attur nomine b'rizultat tal-polza ta' assigurazzjoni ikkompensa lil-assigurat tieghu Charles Azzopardi tat-telfa li huwa garrab fis-somma ta' Lml223.75 u per konsegwenza gew surrogati fid-drittijiet tieghu kontra il-konvenut nomine meta il-merkanzija li huwa ghabba fuq il-vapur Norasia Sun giet lilu konsenjata danneggjata u/jew b'xi nuqqasijiet;

2. Illi waqt li l-merkanzija tal-assigurat tal-attur nomine kienet f'idejn u taht il-kura u il-kustodja tal-konvenut nomine din garbet hsarat li ghalihom huwa responsabbli bhala il-persuna li trid tghaddi il-merkanzija lill-konsenjatarju fl-istess kondizzjoni li huwa ikun irceviha;

3. Illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni ezistenti bejn l-attur u l-assigurat tieghu l-attur nomine kellu jindenniza lill-assigurat tieghu tal-hsarat u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat;

4. Illi il-konvenut nomine interpellat sabiex jindennizza lill-attur nomine tas-somma fuq imsemmija huwa baqa' inadempjenti;

5. Illi l-attur nomine jikkwantifika il-hsara riportata fil-merkanzija tal-assigurat tieghu, b'tort tal-konvenut fl-ammont fuq indikat;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenut nomine jghid ghaliex dina il-Qorti m'ghandhiex :-

(1) tiddikkjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-hsarat kagjonati fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur li waslu fuq il-vapur fuq imsemmi;

(2) tillikwida id-danni sofferti mill-assigurat tal-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur nomine fis-somma ta'

Lm1223.75 (elf mitejn u tlieta u ghoxrin lira u hamsa u sebghin centezmu);

(3) tikkundanna lill-istess konvenut nomine ihallas lill-attur nomine is-somma fuq indikata bhala d-danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huwa responsabbli il-konvenut nomine - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghax legali mid-data tal-pagament u cioe it-8 ta' Frar, l994 mill-attur nomine lill-assigurat tieghu u bl-ispejjes kontra il-konvenut nomine li gie ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn gie eccepit :-

1. Illi preliminarjament t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li s-socjeta The Cargo Handling Company Limited ikkonsenjat il-merkanzija de quo fl-istess stat li ircievitha u qdiet il-funzjonijiet kollha bid-diligenza rikjesa minnhom mill-ligi;

2. Illi fit-tieni lok ghandha tigi esebita l-polza ta' assigurazzjoni a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lil-impurtatur u ghandu jigi esebit wkoll ic-cheque li bih sar il-pagament;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta' Lml223.75,0 bhala allegati danni;

4. Illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghall-premess ma hemm ebda intressi dovuti u dan stante li si tratta dwar azzjoni ta'  danni u li ghad jrid jigi likwidati u ppruvati fil-

kawza nnifisha u di piu l-ebda ammont qatt ma gie kkwotat lill-konvenuti qabel il-prezentata ta' din ic-citazzjoni;

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess l-ebda interessi m'huma dovuti stante li s-socjeta attrici allegatament halset a bazi tal-obligazzjonijiet taghha skond il-polza u di piu ma hemm ebda surroga ghar-rigward l-istess interessi u s-surroga hija limitata ghall-ammont deskritt fl-istess somma;

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghall-premess, ghandha tigi esebita wkoll il-Bill of Lading bil-kundizzjonijiet kollha deskritti fuq l-istess Bill of Lading;

7. Illi ai termini tal-Artikolu 6 tal-Port Ordinance sub-inciz (3) il-konvenut Godwin Abela et nomine mhumiex risponsabbli;

8. Illi ghall-dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjes kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attur u lix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Mejju 2000;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur nomine;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta li l-assikurat tas-socjeta attrici, Charles Azzopardi, importa gewwa Malta merkanzija mal-vapur Norasia Sun. Din il-merkanzija kienet tikkonsisti f'seba kaxex jew kartuni kontenenti pari jeans. L-imsemmi Azzopardi ried jimporta gewwa Malta 198 par jeans pero waslu ghandu biss l20 u ghalhekk kien hemm tmienja u sebghin (78) pari jeans neqsin. Jirrzulta ukoll li l-

merkanzija ngarret f'container "groupage" cioe kien hemm merkanzija ohra fl-istess container. Il-"container" jidher li wasal Malta ssigillat. Is-socjeta attrici, bhala s-socjeta assikuratrici, u kif kienet obbligata li tghamel, ikkompensat lill-imsemmi importatur ghal dawn in-nuqqassijiet u f'dan ir-rigward hallset lill-istess importatur is-somma ta' elf u mitejn u tlieta u goxrin liri maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lml223.75) u per konsegwenza s-socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-assikurat taghha;

Is-socjeta attrici ssostni li dawn in-nuqqassijiet sehhew fil-hin li l-merkanzija kienet fil-pussess u fil-kustodja tas-socjeta konvenuta, cioe' The Cargo Handling Company Limited. Ghalhekk, dejjem skond is-socjeta attrici, s-socjeta konvenuta ghandha tghamel tajjeb ghall-imsemmija nuqqasijiet u b'hekk qed issir din il-kawza;

Is-socjeta konvenuta, fost eccezzjonijiet ohra, qed teccepixxi li kkonsenjat il-merkanzija in kwestjoni lill-importatur fl-istess stat li ircievitha u ghahekk qdiet il-funzjonijiet kollha taghha skond kif rikjest mill-ligi u li skond l-artikolu 6(3) tal-Port Ordinance s-socjeta konvenuta mhux responsabbli ghad-danni in kwestjoni;

Fit-"tally" li saret meta l-merkanzija tnizzlet minn fuq abbord u ghaddiet fil-kustodja tas-socjeta konvenuta ma jidher li hemm l-ebda rimarki ghar-rigward tal-istess merkanzija;

Mill-"Gate Pass Out" (dokument FSl) u cioe mid-dokument li sar meta l-merkanzija giet konsenjata lill-importatur jirrizulta li inhargu seba (7) kaxxex kontenenti pari jeans u ma hemm l-ebda rimarki ghar-rigward tal-istess merkanzija u lanqas ghar-rigward tal-istat tal-kartuni. Dan id-dokument hu ukoll iffirmat mir-rappresentant tal-importatur;

Mill-"cargo receipt" (dokument PBl) jirrizulta li ghar-rigward ta' din il-merkanzija ma kienx innutat hsarat jew danni. Din il-"cargo receipt" issir fl-istadju meta l-importatur jiehu il-merkanzija mill-container;

Is-socjeta attrici pproduciet lill-ufficjal tad-dwana li jidher li rilaxxja l-merkanzija in kwestjoni. Dan ix-xhud ghamel referenza ghad-dokumenti li jinsabu a fol.59 u 60. Huwa qal li dawn id-dokumenti huma "entries" tad-dwana relattivi ghar-rilaxx tal-merkanzija in kwestjoni. Ghandu jigi rilevat li, in partikolari d-dokument li jinsab a fol.60 hu indecifrabbli u dak li qal dwaru dan ix-xhud ma jistax jigi verifikat. Ix-xhud jghid li minn dawn id-dokumenti jirrizulta li gew rilaxxjati lill-importatur seba (7) kartuniet kontenenti 120 bicca jew pari jeans filwaqt li mill-istess dokumenti jirrizulta li kellhom jigu rilaxxjati 198 pari jeans. Dan ix-xhud ma setax jispecifika mill-liema kartuna jew kartuni kien hemm pari jeans neqsin, filwaqt li x-xhud specifika ukoll li generalment jigi nnutat minn fejn ikun hemm in-nuqqassijiet. Huwa inoltre kkonferma li ma hemm ebda rimarki dwar hsarat fil-kartuniet. Generalment isiru rimarki jekk il-kartuniet ikollhom il-hsara. Ix-xhud ikkonkluda biex qal li milli jidher il-kartuniet kienu intatti pero' il-merkanzija minn go fihom kienet nieqsa;

Mill-kumpless ta' provi prodotti ma jistax jinghad li jirrizulta sufficjentement ipprovat li dawn in-nuqqasijiet sehhew meta l-merkanzija kienet fil-pussess u taht il-kustodja tas-socjeta konvenuta. Difatti jirrizulta li ma hemmx rimarki la fit-tally li saret meta l-merkanzija tnizzlet minn abbord il-vapur, la fil-"Gate Pass Out" u lanqas fil-"cargo receipt";

Dak li qal l-ufficjal tad-dwana, prodott mis-socjeta attrici, mhux konklussiv anzi jhalli hafna domandi bla risposta bhal per ezempju kif ma kienx hemm hsara fil-kartuniet u fl-istess hin jinghad li kien hemm il-merkanzija nieqsa mill-istess kartuniet. F'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jigi eskluz li l-merkanzija tghabbiet fil-container meta kien hemm gia n-nuqqasijiet in kwestjoni;

F'dawn ic-cirkostanzi t-talbiet attrici ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra s-socjeta attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------